**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Mary (Maria-Carmela) Aquilina**

**Kumpilazzjoni Numru: 515/16**

**Illum, 13 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mary (Maria-Carmela) Aquilina detentur tal-karta tal-identita` numru 198176M.

Akkuzata talli:

> Fix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2016, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti izda jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li saru b'risoluzzjoni b'wahda, min gewwa fond Nid D'Amor fi' Triq San Piju, Mgarr Malta, ikkommettiet serq ta' diversi gojjelli u hwejjeg ohra, għad-dannu tal-familja Borg, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-lok u bil-persuna bi ksur tal-***Artikolu 18, 267, 279(b), 268(a), 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkonsidra lil-Mary (Maria-Carmela) Aquilina bhala recidiva, b'sentenzi li huma defenittivi u ma jistgħux jiġu mħassra u dan ai termini ***tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

Rat illi l-imputat irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontriha fi stadju bikri, u li kkonfermat tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha;

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Anabel Bugeja (DOK AB) li pproponiet illi l-imputat ikollha Probation Order fil-massimu.

Illi gialadarba li l-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer u filwaqt li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Kommunita` ta' mitt (100) siegha.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.  Tordna illi kopja tal-Ordni ta' Probation u Ordni ta' Servizz fil-Kommunita` jigu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**